# Storja Qasira tal-Knisja ta' Lourdes, Paola

Dejjem ħlomt li nagħmel kappella lill-Madonna ta' Lourdes, lejn in-naħa tan-niċċa tagħha li hawn fl-angolu ta' New Street, u malli rajt li t-tempju ta' Kristu Re kien lest, għidt bil-ħolma tiegħi lill-Arċisqof li ħatafni fil-kelma u tani 'free hand' u Lm500. Immarkajt roqgħa art addattata, bis-salib li kellu jitqiegħed fuq l-art li kelli nixtri. Iż-żmien kien ħażin u minflok appoġġ sibt tfixkil minn nies ta' dawk l-inħawi, imma għajnuna kbira minn Alla.



*Il-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes, Paola*

Fis-7 ta' Marzu 1963 xtrajt l-art, li bl-ispejjeż b'kollox ġietni GBP1258. 10s 10d. Bla telf ta' żmien inkarigajt lill-Perit Joe Xuereb A&CE, neputi tiegħi, biex jagħmel il-proġetti, jgħaddi u jmexxi il-proċedura twila biex naslu u nibdew. U dan, f'qasir żmien u gratwitament qdieni, u fl-24 ta' Ġunju 1963 għażilt lill-bennej Carmelo Mifsud minn Ħal Qormi, u wara li s-surveyor għamel il-posti, il-kuntrattur kien pront beda t-tifsila tal-pedament fond 17-il filata, u bil-għajnuna tad-ditta S.C. Xuereb Ltd, intradam il-labirint tal-pedament u imwitti gratwitament biex laħħaqna li sad-9 ta' Awwissu tkun tista' titqiegħed u titbierek l-ewwel ġebla 'angulari', bil-għajnuna ta' ħadd ħlief tal-familja tiegħi.

Fil-festa ta' Santa Maria ta' 1963, l-Arċisqof Gonzi, akkompanjat minn Mons. R. Capurro u Mons. L. Psaila, ħarġu mid-dar ta' Vincent Bianco, l-uniku post viċin, proċessjonalment għal fuq il-post u saret iċ-ċerimonja tal-ewwel ġebla, fost il-ferħ tal-poplu li assista. L-Arċisqof fid-diskors għamilli target date ta' sentejn żmien biex titlesta, u jien irrispondejt li f'wisq inqas; u billi kien jaf kemm il-familjari tiegħi iffrankawli flus u ra li wieħed mill-parrinijiet tal-ewwel ġebla, Capt. Xuereb, bi tbissima qal: Din il-Knisja: "Knisja Xuereb...."

Għalkemm in-nies ta' dawn l-inħawi baqgħu indifferenti, anzi kont tisma' xi kritika skoraġġanti, qegħdt kollox warajja b'tama biss f'Alla.

Fis-16 ta' Awwissu 1963 bdejt il-bini tal-knisja, kif jgħidu il-fuq mill-qatran, non-stop, u sat-18 ta' Ġunju 1964 tlestiet sas-saqaf. Dak li sofriet il-qalb ta' xwejjaħ ta' 64 sena jafu biss Alla li tani s-saħħa li kull jum nissorvelja x-xogħol. Billi t-travi ittardjaw, ma waslux minn barra, biex ma jintilifx żmien, ġegħelt lill-kuntrattur iqiegħed lill-ħaddiema fuq ix-xogħol tal-kampnar u malli waslu t-travi erġajna dorna fuq is-saqaf li tlesta fis-17 ta' Awwissu 1964, u għaxar t'ijiem wara ġie ttestjat b'tempesta kbira li kienet ilha ma ssir bħala għall-erbgħin sena. U mn'Alla ilħaqt għalaqt is-saqaf għax min jaf x'kien jiġri. Malli saqqafna, urejt

ix-xewqa li nagħmel quddiesa almenu nhar ta' Ħadd lill-Arċisqof, imma caħadli l-permess. Ma jimpurtax!

Fit-2 ta' Novembru 1964, għamilt il-paviment bil-musajk, tal-Knisja, tas-sagristija, tal-Kor u tal-post fejn jitgħallmu d-duttrina t-tfal, neħħejt il-bibien provisorji u flokhom qegħedt bibien permanenti; lestejt l-altar mensa, tal-irham u sal-31 ta' Diċembru 1964, il-knisja setgħet faċilment tiġi użata min-nies.

Allura qagħdt nistenna mingħand is-superjuri tiegħi, id-data għat-tberik tal-Knisja, inatgħat data iżda ġiet imħassra, u wara ġiet iffissata d-data tat-8 ta' Frar 1965. Dak inhar fil-4.45pm sar it-tberik tagħha u l-Arċisqof fid-diskors tiegħu qal li kienet verament ħolma li qiegħed jara din il-Knisja, u fl-aħħar l-opra u l-fundatur tagħha.

Mat-tberik tal-Knisja, niżlet il-barka ta' Alla. Jien iddedikajt ruħi għaliha u aktar man-nies kienu jikkonkorru, aktar żidt il-bini, mingħajr ma nteressajt ħabba lil ħadd. Ħsibt għall-żewġ flats, wieħed għas-sagristan u l-ieħor għas-saċerdot li kien għad irid jieħu ħsiebha minn floki; saret il-pittura wara erba' snin li kont ordnajtha lil Kav. Emvin Cremona, li qamet Lm1,600. F'kelma waħda din il-knisja, f'qasir żmien kienet tiffunzjona daqs ċertu parroċċi, bil-għajnuna tas-saċerdoti tal-Parroċċa ta' Kristu Re. Imma l-Bambin żarni b'marda serja u ma stajtx inkompli bħal qabel. Bdejt nisma' xi tgergir, u rajt, li veru n-nies qegħda titmewwet, (għax in-nies iridu jaraw ħeġġa serja fina u imġieba ugwali ma kulħadd), allura f'Settembru 1973, ktibt lill-Arċisqof biex iqiegħed saċerdot għad-dispożizzjoni tan-nies. Mhux għaliex ma kienux moqdijin, imma xtaqu jkunu bħal meta kont assidwu jien, għalkemm jien bdejt nerġa ngħin skont il-forzi li ippermettietli l-età tiegħi. B'inkejja ta' dan kollu, kuljum kienet tinfetaħ, filgħodu u filgħaxija, mingħajr traskuragni għad-detriment ta' l-erwieħ.

Kienet aħħar dehra tal-Madonna, is-16 ta' Lulju ,1974, meta privatament sirt naf li se ssir parroċċa u ġie maħtur il-Kappillan li għandkom, u ġranet wara ġie għandi l-Arċisqof biex uffiċjalment jgħarrafni u jgħarraf lill-Kappillan Agius, u effettivament bdiet bħala Parroċċa fit-22 ta' Settembru 1974; u jien għar-raġunijiet tiegħi, irtirajt fil-31 ta' Awwissu, 1974; pero ma nqastx li ngħaddi lill-Kappillan il-ġdid kif huwa dover, fit-22 ta' Settembru, flimkien maċ-ċwievet tal-Parroċċa, lista iddettaljata bħala dota tal-Knisja li, bejn flus liberi, depositi legali fil-C.P.A. jilħqu s-somma ta' Lm5,259.82, 2 u 55 biċċa deheb u xi djamanti ta' wegħdi, li naħseb sa llum il-Kappillan kellu ċans iferrahkom b'din id-dota sabiħa, għalkemm jien qatt ma għamilt ġbir barra minn tal-kopp, allavolja intom stess għidtuli, bħal każ tal-fans, ġibthom mingħajr ma nteressajt lil ħadd.

Konkluzjoni: Nirringrazzjaw 'l Alla li matul dawn l-għaxar snin, kellkom knisja kompita għall-ħtiġijiet tagħkom spiritwali li intom gawdejtu, u Għandi l-konsolazzjoni li saret, għall-grazzja ta' Alla, Parroċċa. Jien nifraħ li wara daqshekk żmien, ġiet persuna li apprezzat l-opra tiegħi, tant illi jekk tkabret xi ftit, qiegħed jipprova jaġġornaha u jagħtiha dehra isbaħ. B'daqshekk mhux qiegħed jipprova jeqred l-opra tiegħi, imma qiegħed jipperfezzjonaha. U allura, mhux kif jifhem xi ħadd li jiena meqrus mill-progress, imma jien kburi. Id-dover tagħkom hu, meta issa tafu b'dan kollu, li ma tinsewx lili fit-talb tagħkom, għaliex ħadd ma kien joħlom li jagħmel din il-knisja kieku ma kienetx imnebbħa lili minn Alla, li verament id-driegħ Tiegħu kien miegħi, u jien ikkoperajt u ta' ħadd aktar ma kelli bżonn.

***MONS. FRANGISK XUEREB***
***FUNDATUR***